Minuti tat-53 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 17 ta' Awissu, 2016. Il-laqgha nbdiet hin 4.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat<br>Shirley Ann Cecchini<br>Camilleri Anthony |

**Ufficjali:**

Segretarju Ezekuttiv — Emily Amatulli-Depasquale

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-52 laqgha

1.1 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li l-hin li huwa dahal ghal-laqgha kien 17.02 u mhux 17.08.

1.2 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala document korrett.

## 2.0 Jum l-Gharb

2.1 Is-Sindku ippropona il-programm segwenti:
Quddiesa ta' Radd il-Hajr segwita bis-serata fil-Pjazza Zjara tal-Madonna. Ghal din is-sena mhux ser isir it-tqeghid tal-kuruni quddiem il-Monument ta' l-Isqof Molina peress li dan tnehha biex jitpogga iehor ta' l-Isqof Cauchi. Ghandha tkun mistiedna l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni sabiex taghmel intervent muzikali,

prezentazzjoni ta' premijiet , partecipazzjoni ta' kantanti zghazagh mil-lokalita', tinqara l-lista ta' l-istudenti li ggradwawa fl-Universita' ta' Malta u partecipazzjoni ta' l-istudenti li attendew is-Summer Club tal-parroca. Il-Kunsill qabel mall-program u qabel li ghandha tigi avvicinata Maria Cassar sabiex tikteb poezija u li tinqara ghall-okkazjoni. Ikunu prezenti l-unuri tas-soltu.

Emanuel Muscat issugerixxa sabiex titpogga stampa tal-Monument il-gdid fil-post fejn ser jitqieghed. Il-Kunsill ma qabilx.

Saret ukoll diskussjoni dwar fejn jista' jitpogga l-monument ta' l-Isqof Molina sabiex ikun iccelebrat Jum l-Gharb is-sena d-diehla. Gie innotat li jekk dan jitpogga ma' genb il-Knisja, l-attivita' ta' Jum l-Gharb ikollha timxi ghall-Pjazzetta ta' fejn ic-Centru u ghaldaqstant il-Kunsill ma qabilx ma' dan peress li din hija cerimonja importanti ghar-rahal u postha ghandha tkun fil-Pjazza principali. Il-Kunsill qabel li dan is-suggett ghandu jitkompla jigi diskuss fl-laqgha ohra.

Emanuel Muscat issugerixxa li Jum l-Gharb jitharrek mid-29 t'Awissu sakemm il-monument il-gdid ikun wasal. Is-Sindku qal li huwa ta' l-opinjoni li Jum l-Gharb isir xorta wahda kif kien stabilit fid-29 t'Awissu. Il-Kunsill qabel li Jum l-Gharb ghandu jkun celebrat kif maqbul fl-laqgha precedenti it-Tnejn 29 ta' Awissu.

2.2 Il-Kunsill iddiskuta n-nominazzjoni ghall-premijiet li jinghataw waqt Jum l-Gharb kif segwenti:

Premju Gharb – Is-Segretarju Ezekuttiv qrat in-nominazzjonijiet li waslu fejn nominati kien hemm Manuel Cauchi, Kan. Dun. Guzepp Tabone u Michael Bajada. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ghazel lil Michael Bajada ghal Premju Gharb.

Premju Volontarjat Lokali – Is-Segretarju Ezettiv qrat in-nominazzjonijiet li waslu fejn nominati kien hemm Joseph Cauchi, M'Anne Micallef u Grupp Volontarjat tal-Mahzen. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ghazel lil Joseph Cauchi flimkien ma' Jahel Brooke ghal Premju Volontarjat Lokali.

Premju Qlub Generuzi - Is-Segretarju Ezettiv qrat in-nominazzjonijiet li waslu fejn nominati kien hemm Josephine Galea, Grupp Zghazagh li marru Bari u Nancy Cauchi. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ghazel lil Josephine Galea ghal Premju Qlub Generuzi.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Premju Gharb Gozitan Cultural Award – Is-Sindku spjega li ta' kull sena dan il-Premju jinghata lil Persuna li tkun spikkat fl-arti minn gewwa Ghawdex. Is-Sindku issugerixxa lil Manuel Farrugia li kien l-iskultur ta' l-artal, lil Mro. Antoine Mercieca li fost ohrajn ghadu kemm ghamel komposizzjoni ta' l-Assedju li giet ipprezentata fic-Citadella kif ukoll lil Michael Bongalis li huwa atleta Ghawdxin li ppartecipa f'triathlon barra minn pajjizna. Saret diskussjoni fejn gie maghzul il-Mro. Antoine Mercieca ghal Premju Gharb Gozitan Cultural Award.

3.0 **Permessi godda kmamar tan-Nar gewwa l-Gharb**

3.1 Is-Sindku spjega li giet ippreparata stqarrija ghall-istampa mill-Avukat Dr. Grech. Gie spjegat ukoll li l-bord ta' l-appelli tal-MEPA innotifika lill-Kunsill b'appell li gie ipprezentat u l-Kunsill gie moghti l-possibilita' li jkun parti mid-diskussjonijiet waqt il-bord. Emanuel Muscat qal li wahda mill-affarijiet li hemm li qeghdin hazin hija l-wisa' tat-triq li skond il-ligi suppost tkun 3.7m u fir-realta' hija inqas.

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-istqarrija ghall-istampa u inghat kopja lill-membri kollha.

Anthony Camilleri issugerixxa li din l-istqarrija tintbghat lill-Parliament. Is-Sindku qabel mieghu u qal li tista' tintbghat lil kull membru tal-Parlament b'ittra li kull wiehed minnhom.

Kien suggerit li ghandha ssir petizzjoni mill-membri tal-Kunsill li kull membru individwali jista' jibghat petizzjoni lill-Ispeaker tal-Parlament anke minhabba li kien diga sar referendum fuq dan is-suggett.

3.2 Shirley-Anne Cecchini qalet li hija semghet li n-nies relatati mall-kmamar tan-nar kienu qeghdin induru u jaghmlu petizzjoni.

3.3 Shirley-Anne Cecchini staqsiet kif ser issir il-petizzjoni. Is-Sindku spjega li f'dan l-istadju huwa iktar ghaqli li l-Kunsill johrog l-istqarrija u javvicina lill-Parlament iktar milli johrog petizzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi billi jibghat l-istqarrija. La darba tinhareg id-data ta' l-appell il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' sabiex jiddiskuti dak li ser jintqal waqt l-appell. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jintalab ir-rapport tal-kamra tan-nar lill-MEPA sabiex ikollu aktar dettalji.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

## 4.0 Iz-Zjara ta' Ortezzano u Gerano

4.1 Il-Kunsill kien infurmat li qeghdin isiru l-preparamenti sabiex tkun organizzata z-zjara fl-Italja.

4.2 F'Ortezzano l-akkomodazzjoni ser tkun gewwa hostel filwaqt li gewwa Gerano parti ser ikunu gewwa l-kunvent tas-sorijiet u ohrajn fid-dar tal-kappillan.

4.3 Fir-rigward tat-transport u ikel qeghdin jingabru l-kwotazzjoni u l-flights huma diga bbukjati permezz tar-Ryanair. Il-Partners l-ohra qeghdin jaraw kif jistghu jaslu billi juzaw Ryanair jew simili. Gie spjegat li d-delegazzjoni tal-Portugal ser jattendu pero' ser jaslu gewwa Ciampino, Poland ser jattendu u l-Irlanda ukoll. It-taljani ser ikunu qed jivvajgaw bejn rahal u iehor u filghaxija jingabru fid-djar rispettivi taghhom. Il-Program ser jinkludi zjara lil Subiaco, Tivoli u Ruma. Bhala timijiet li ser jippartecipaw ser ikun hemm Gharb, Gerano u Poland u l-loghob ser isir gewwa Gerano. Il-Program ser jinkludi ukoll l-konferenzi u laqghat skond il-progett.

4.4 Fl-2017 ser isiru zjarat ohra inkluz dik ta' l-Gharb bil-possiblita' li ssir konferenza generali jekk jigu moghtija fondi ghaliha mis-Segretarjat ta' l-Onor. Stefan Buontempo. Gie spjegat ukoll li kien qed jigi mahsub li din il-konferenza ssir f'Marzu pero' jidher li ser issir xi konferenza nazzjonali f'Marzu u ghaldaqstant din ikollha ticcaqlaq. Is-Sindku spjega li ghal din il-konferenza ikun sewwa jekk jigu mistiedna l-ghaqda ta' 'Kilomangaro' li huma grupp iffurmat minn network ta' Kunsilli fejn it-tema tal-konferenza tista' tkun dwar dan in-network innifsu. Il-Kunsill qabel li jekk jinghataw il-fondi ghandu jmexxi bl-organizazzjoni ta' din il-konferenza.

## 5.0 Attivitajiet ghax-xhur li gejjin

5.1 Is-Sindku qal li kif diga gie diskuss fil-laqgha precedenti ser isir Wine Festival min-naha tal-Malta Enterprise gewwa l-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi fit-2 u 4 ta' Settembru. Min-naha taghha l-Malta Enterprise qeghda tara l-budget fejn wara ser jigi diskuss kif il-Kunsill jista' joffri l-ghajnuna tieghu.

5.2 Attivita' ohra hija l-festival tar-Rih li ser isir f'Ottubru. Fil-21 ta' Ottubru ser tkun inawgurata l-istatwa ta' San Dimitri u fit-22 ta' Ottubru jigi inawgurat il-pinnur. Is-Sindku issugerixxa sabiex ghal din l-attivita' jehlu arbli matul it-triq ta' San Dimitri. Din ghada trid tigi diskussa ma' l-Arcipriet u jekk jaccetta jsiru t-toqob sabiex jibqghu jintuzaw minn sena ghal ohra.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Fl-istess waqt min-naha tieghu xorta irid izejjen xi ftit fejn ser issir l-attivita' tar-Rih. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suggerimenti.

5.3 Bhala parti mill-program li jkunu involuti t-tfal ta' l-iskejjel primarji akkumpanjati minn genitur. Hemm il-hsieb li filghodu jsir workshop ghal 30 student li ser jigu maghzula minn kull skola. Jekk jinzerta l-kaz li jkun hemm iktar minn 30 tifel il-Kunsill irid ihallas extra li jammonta ghal €250. Wara nofs in-nhar issir il-kompetizzjoni tal-*kites* u l-inawgurazzjoni tal-Pinnur aktar tard filghaxija. Ghal filghaxija jista' jigi mistieden grupp folkloristiku bil-daqqieqa jew xi attivita' ohra simili.

5.4 Is-Sindku ippropona ukoll li jintwera film fil-berah. Tista' tintrema tinda gewwa ghalqa fil-vicin bil-permess tas-sid. Ghal ikel tista' tigi mistiedna NGO sabiex tipprepara l-ikel jew inkella jigu mistiedna tal-kiosks. Ser jigu mistiedna ukoll il-kumitat tal-Valletta18. L-importanti li trid tigi ikkrejata atmosfera. Ghad-dawl irid jigi mahsub generator. Anthony Camilleri offra l-ghalqa tieghu ghal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi fuq din l-attivita'.

5.5 Saret diskussjoni dwar il-Car Free Day li ser tigi organizzata fit-22 ta' Settembru wara li l-Kunsill gie moghti fondi ghall-attivita'. Skond l-applikazzjoni trid ssir zebra crossing provisorja ghall-gimgha fejn jittiehdu kummenti minn nies. Ser jigu invitati ukoll il-Kunsilli sabiex jgibu n-nies fejn ikunu jistghu jzuru l-muzewijiet u jinghataw ukoll snack. Trid tinstab ukoll persuna bhal Michael Bajada, Matthew Bajada jew Matthew Theuma. Iktar tard filghaxija ikun hemm show mill-BMX team u attivita' mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni peress li dik hija l-gimgha fejn huma jorganizzaw l-attivita' taghhom. Il-program ser jinkludi ukoll two wheelers mis-segway u promozzjoni ta' roti u kif wiehed isuq rota. Persuna li ser tattendi u tippartecipa fl-attivita' ser tinghata biljett li jista' jrebbah electric bike. Il-Kunsll qabel li ghandu jimxi ma' dan il-program propost.

5.6 Attivita' ohra li ser tigi organizzata hija Jum it-Tfal li ser issir f'Novembru fejn id-data hija 22 ta' Novembru. Din tista' tigi diskussa ma' l-Iskola. Is-Sindku ppropona li ssir treasure hunt bir-roti bil-kollaborazzjoni tac-Centru Parookkjali u Fr. Samuel Grech. Il-Kunsill qabel ma' din l-attivita'.

## 6.0 Skeda ta' Pagamenti

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

6.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**7.0 Korrispondenza u Materji ohra**

7.1 Is-Sindku spjega li l-operaturi tal-farmhouses qeghdin jigu mitluba informazzjoni dwar ir-rahal u s-servizzi tal-lokalita'. Fuq dan il-punt huwa ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippublika flyer bl-ingliz li fih jigbor informazzjoni dwar is-servizzi bhal ma huma Servizz ta' skart, hinijiet tal-ftuh tal-Kunsill u postijiet ohra, internet points kif ukoll merhba u informazzjoni fuq il-lokalita'. Trid tkun xi haga zghira li ma tiswiex hafna flus imma fl-istess waqt tkun utli ghat-turisti u vizitaturi ta' dan ir-rahal. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u li ghandu jiehu hsieb biex jigbor l-informazzjoni halli jigi ppublikat.

7.2 Is-Sindku spjega li waqt esercizzju li kien qed isir fuq l-accounts tal-Kunsill gie innotat li kien hemm lista ta' *aged creditors* li qed jidhru bhala persuni li l-Kunsill ghandu jghaddilhom xi pagament mentri fir-realta' dan mhux minnu. Il-lista giet ipprezentata lill-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jsir *clean up* ta' l-accounts.

7.3 Is-Sindku qal li waqt laqgha precedenti kien spjega u kien hemm qbil dwar pubblikazzjoni ta' ktieb fuq l-Gharb bl-ingliz u dan ser isir bil-permess ta' l-awtur. Qed tintabal kwotazzjoni sabiex ikun stabilit it-translazzjoni ghall-Malti. Sadanittant il-Kunsill gabar kwotazzjonijiet ghal dan il-ktieb kemm *hardback* kif ukoll *paperback*. Il-prezzijiet qeghdin – *hardback* €12,900 ghal 800 kopja u *paperback* €11,900 ghal 800 kopja. Id-differenza hija ta' €1,000. Din il-kwotazzjoni ingabet sabiex il-Kunsil jiehu ideja peress li meta jigi biex isir l-istampar tieghu tkun trid tinhareg offerta ghalkemm 800 kopja huma kwantita' kbira li x'aktarx ma jigux stampati daqshekk kopji. Il-ktieb ser jinkludi fih ukoll *recording* ta' internetvisti. Gie spjegat li biex isir adattament u tindif tar-*recordings* hemm bzonn nefqa ta' €450.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan ghandu jsir immedjatament.

Is-Sindku issugerixxa li ghal dan il-ktieb isir *pre-booking* sabiex il-Kunsill ikollu numru iktar indikattiv kemm ser jinbieghu kopji. Il-ktieb ser jigi ppublikat bl-ingliz fejn ser ikun fih madwar 250 pagna u mimli ritratti jista' jservi ukoll bhala token lil delegazzjonijiet barranin meta jzuru lir-rahal jew meta l-Kunsill izur l-irhula ohra barra minn xtutna. Gie spjegat ukoll li jrid jigi ffirmat kuntratt ma' l-awtur fejn lilu jinghatawlu xi kopji. Kopja tal-kuntratt ghandha tghaddi lill-avukat sabiex jittiehed parir. Il-Kunsill qabel li ghandu jippublika dan il-ktieb flimkien mac-CD u li ghandu jigi ffirmat il-kuntratt.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

7.4 Korrispondenza minghand il-Birdlife Malta fir-rigward ta' talba lill-Kunsill sabiex jigu imwahhla tabelli fiz-zona ta' Wied il-Mielah li jaghtu informazzjoni dwar speci ta' ghasafar. Il-Kunsill qabel li dawn it-tabelli ghandhom jitwahhlu.

7.5 Minghand l-ewwel partners tar-Reppublika Ceka fejn dawn infurmaw lill-Kunsill li qeghdin jirtiraw mill-progett.

7.6 Minghand Emanuel Muscat fir-rigward ta' talba sabiex isir bdil fil-Minuti tal-51 laqgha kif ukoll dwar il-hin li huwa dahal ghal laqgha fil-Minuti tat-52 laqgha. Giet migbuda l-attenzjoni li sabiex isir bdil tal-Minuti trid issir resoluzzjoni specjali li tkun issekondata. Apparti dan il-bidla li kienet qed tintalab li ssir hija l-istess haga li hemm imnizzel fuq il-minuti. Emanuel Muscat qabel ukoll li s-signifikat huwa l-istess haga u ghalhekk irtira t-talba tieghu.

7.7 Giet mghoddija kopja tal-magazine 'Il-Parlament' li tinhareg mill-ufficju ta' l-ispeaker.

7.8 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:

Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward ta' PA5058/09 – Development of fireworks factory, Site at, Landar ta' Geriska, Gharb fejn il-Kunsill gie infurmat li jekk jixtieq jista' jidhol bhala konsulent estern li jkollu d-dritt li jitkellem waqt is-smiegh ta' l-Appell. Il-Kunsill gie infurmat li diga intbghatet korrispondenza min-naha tal-Kunsill sabiex jidhol bhala konsulent estern.

Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp – PA03927/16, PA03483/16, PA03564/16 u PA03715/16.

Decizjonijiet fuq applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp – PA05058/09.

7.9 Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li kellha talba minghand residenti ghal bozza gdida fi Triq Birbuba bejn il-post ta' Raymond Cassar u dak ta' Joseph Mizzi. Is-Sindku spjega li l-kumitat tad-dawl kienu qeghdin jidentifikaw id-*dark areas* fejn fil-fatt din kienet wahda minnhom. Peress li dawn il-bozoz jiswew ammont ta' flus kienet qeghda ssir diskussjoni minn dan il-kumitat biex jara jekk dawn jistghux ikunu parti mill-*budget* il-gdid.

7.10 Emanuel Muscat semma li faccata tal-playing field ta' Triq Birbuba kien hemm bozza li mhux tixghel. Is-Sindku spjega li din il-bozza kien hemm ilment fuqha li kienet qed titfa' hafna dawn u kienet saritilha ukoll *shade* pero' xorta kien ghad baqa' l-ilment u ghaldaqstant din kellha tintefa' biex titharrek. Apparti dan is-Sindku spjega li ghad baqa' erba' ohra li ghadhom ma xeghlux.

7.11 Il-Vici Sindku talbet sabiex l-fanal ta' mad-dar taghha jintefa' sabiex ikun jista' jigi rrangat u wara jerga' jibda' jixghel bix-xema' kif kien precedentament. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lill-kuntrattur sabiex jintefa' kif kien qed jigi mitlub.

7.12 Il-Vici Sindku qalet li hemm bzonn li jsir tindif tal-mirja ta' Triq ta' l-Gharb. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu inkarigati l-haddiema tal-Kunsill sabiex inaddfu l-mirja ta' madwar il-lokalita'.

7.13 Shirley-Anne Cecchini staqsiet jekk id-*disabled parking* ta' Triq ta' Sdieri kienx sar. Is-Sindku spjega li dan kien sar pero' kien hemm ilment peress li sid id-dar ma riedux quddiem ir-residenza tieghu.

7.14 Anthony Camilleri qal li fi Triq l-Isqof M. Molina kien hemm problema ta' parking peress li l-karozzi kienu qed jipparkjaw hazin b'mod li ma tkunx tista' tghaddi. Gie spjegat li dan kien gie innotat u kienet saret talba ghal *double yellow lines.*

7.15 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li fi Triq Birbuba fejn il-hadida kien qed jithalla' hafna skart f'hinijiet barra l-gbir. Is-Sindku qal li fi Triq San Pietru kien qed jigri l-istess haga. Saret diskussjoni fejn kif jidher l-unika soluzzjoni huwa li jitnehhew dawn il-hadid mill-post.

7.16 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fejn il-*bring-in-sites* kien qed ikun hawn problema fejn ta' spiss kien qed jithalla skart barra mill-bins kif ukoll skart iehor apparti dak ghar-reciklagg. Is-Sindku issugerixxa sabiex tintbghat ittra lil min jinqabad u jintalab ihallas tas-servizz sabiex jitnehha. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**8.0 Aggornament**

8.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar 31 ta' Awissu, 2016.

8.2 Il-laqgha spiccat hin 5.45pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**

David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv